

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-14 ta' Lulju 2014

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea rigward il-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv tal-CARIFORUM-UE previst mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra**

(2014/481/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra <sup>(1)</sup> (il-"Ftehim"), ġie ffirmat fil-15 ta' Ottubru 2008, u ġie applikat provviżorjament sa mid-29 ta' Diċembru 2008.
- (2) L-Artikolu 232(2) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kunsill Konġunt tiegħu jiddeċiedi dwar il-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv tal-CARIFORUM-UE tas-soċjetà ċivili, bl-għan li tkun żgurata rappreżentazzjoni wiesgħa tal-partijiet interessati kollha.
- (3) Huwa importanti li jiġu stabbiliti l-istituzzjonijiet kollha previsti mill-Ftehim, speċjalment il-Kumitat Konsultattiv tal-CARIFORUM-UE li għadu ma ssejjaħx, minkejja r-rwol tiegħu fil-promozzjoni tad-djalogu, il-kooperazzjoni u l-monitoraġġ skont il-Ftehim.
- (4) Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew esprima r-rieda tiegħu li jgħin lill-Kumitat Konsultattiv tal-CARIFORUM-UE, billi jorganizza l-għażla tar-rappreżentanti Ewropej għal dak il-Kumitat, u billi jassumi l-funzjoni tas-Segretarjat ta' dak il-Kumitat fil-perjodu inizjali wara li dan jiġi stabbilit.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt tal-CARIFORUM-UE prevista mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, dwar il-Kumitat Konsultattiv tagħha, għandha tiġi bbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt meħmuża ma' din id-Deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> ĠUL 289, 30.10.2008, p. 3.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. MARTINA

---

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI Nru .../2014 TAL-KUNSILL KONĠUNT TAL-CARIFORUM-UE**

ta'

**stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, rigward il-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv tal-CARIFORUM-UE**

IL-KUNSILL KONĠUNT TAL-CARIFORUM-UE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 232(2) tiegħu,

Billi fid-dawl tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 tal-Ftehim, u l-impenn lejn il-monitoraġġ tiegħu stipulat fl-Artikolu 5 tal-Ftehim, huwa xieraq li tiġi determinata l-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv tal-CARIFORUM-UE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-Kumitat Konsultattiv tal-CARIFORUM-UE ("il-Kumitat") ikun magħmul minn erbgħin (40) rappreżentant permanenti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif ġej:

- (a) ħamsa u għoxrin (25) li jirrappreżentaw organizzazzjonijiet allokati fl-Istati tal-CARIFORUM; u
- (b) ħmistax (15) li jirrappreżentaw organizzazzjonijiet allokati fl-Unjoni Ewropea.

2. F'kull sett ta' rappreżentanti msemmija hawn fuq, ikun hemm rappreżentanza bbilanċjata ta':

- (a) l-organizzazzjonijiet ta' min jimpjega,
- (b) trade unions,
- (c) organizzazzjonijiet oħra ekonomiċi, soċjali u mhux governattivi, inklużi organizzazzjonijiet għall-iżvilupp u organizzazzjonijiet ambjentali; u
- (d) il-komunità akkademika.

3. Ir-rappreżentanti permanenti jservu għal sentejn. Jiġu żgurati l-kompetenzi rilevanti u r-rappreżentanza ġeografika u settorjali wiesgħa.

4. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, "organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili" jinkludi istituzzjonijiet, assoċjazzjonijiet, fondazzjonijiet, gruppi ta' promozzjoni u entitajiet oħra ta' natura mhux governattiva li ma għandhomx skop ta' qligħ u li huma kapaċi jipprovdu pariri jew jikkontribwixxu informazzjoni speċjalizzata dwar kwistjonijiet koperti mill-Ftehim, kif ukoll rappreżentanti tal-komunità akkademika.

5. Organizzazzjoni titqies li tkun fit-territorju ta' wieħed mill-Istati tal-CARIFORUM jew fit-territorju tal-Unjoni Ewropea jekk tali organizzazzjoni jkollha l-uffiċċju statutorju, it-tmexxija u l-kontroll ċentrali fit-territorju ta' wieħed mill-Istati tal-CARIFORUM jew fit-territorju tal-Unjoni Ewropea skont ma jkun il-każ.

*Artikolu 2*

1. Il-Kumitat għandu jkun kompost mill-Kunsill Konġunt tal-CARIFORUM-UE tar-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili magħżula skont l-Artikolu 1 mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati tal-CARIFORUM, rispettivamente.

2. Il-Kunsill Konġunt tal-CARIFORUM-UE jista' wkoll jimmodifika l-lista tal-membri fejn meħtieġ.

3. Kull post vakanti fis-sħubija tal-Kumitat ma għandux jinvalida l-konstituzzjoni tal-Kumitat jew inaqqas id-dritt tal-membri li jifdal milli jaġixxu.

4. Maġġoranza tal-membri magħżula mill-Unjoni Ewropea u maġġoranza ta' membri magħżula mill-Istati tal-CARIFORUM tikkostitwixxi kworum tal-Kumitat.

*Artikolu 3*

Il-membri permanenti jistgħu jirċievu assistenza finanzjarja għat-twettiq ta' dmirijietom fil-Kumitat.

*Artikolu 4*

Kull organizzazzjoni li tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 232 tal-Ftehim tista' tattendi l-laqgħat tal-Kumitat bħala osservatur.

*Artikolu 5*

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandu jservi bħala s-segretarjat tal-Kumitat għal perijodu inizjali li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2014. Wara din id-data, organizzazzjoni jew entità magħżula mill-Istati tal-CARIFORUM segwita minn organizzazzjoni jew entità magħżula mill-Unjoni Ewropea għandha taġixxi fuq bażi alternata għal perijodi ta' 12-il xahar bħala s-segretarjat tal-Kumitat.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-[...]

Magħmul fi ...,

*għall-Kunsill Konġunt CARIFORUM-UE*

---